# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 20**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 682/21 JVC**

**L-Avukat Dr. Fredrick Ellul (K.I. 383377M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Alevtina Igorevna Shestakova (Passaport numru 1385985) in forza ta` prokura datata nhar is-sbatax (17) ta` Mejju 2021**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti L-Avukat Dr. Fredrick Ellul bħala mandatarju speċjali tal-assenti Alevtina Igorevna Shestakova li kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi kif jirrizulta mill-att ta' twelid tal-esponenti bin-numru 4460 tas-sena 2019, l-esponenti hija indikata bl-isem Alevtina Igorevna u l-kunjom Shestakova (ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok AIS001);

2. Illi l-esponenti hija hekk ukoll indikata fil-passaport Malti tagħha bin-numru 1385985 (hawn anness u immarkat bħala Dok AIS002);

3. Illi l-esponenti żżewwġet lil Vladimir Ivanovich Polyakov nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġewwa Stavropol, fir-Russja (kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok AIS003) liema żwieġ ġie rreġistrat ġewwa Malta fit-tnejn (2) t'Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), liema ċertifikat għandu n-numru 2139 tas-sena 2019 (kopja hawn anness u mmarkat Dok AIS004);

4. Illi sussegwenti għal dan iż-żwieġ, hekk kif indikat fid-dokument immarkat Dok AIS003, l-esponenti ingħatat il-kunjom '*Polyakova*' liema kunjom hija adottat formalment permezz ta' tibdil fl-att tat-twelid Russu tagħha, u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat tal-bdil fl-isem datat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) tramite iċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok AIS005;

5. Illi għalhekk l-esponenti tixtieq illi dan il-bdil fil-kunjom tagħha jiġi rifless fl-att taż-żwieġ Malti (bin-numru progressivi 2139/2019) tagħha, b'dana illi kunjomha jinbidel minn dak ta' xbubitha Shestakova għal dak miżżewġa Polyakova, liema tibdil għandu jiġi rifless fl-atti ta' stat ċivili relattivi kollha, inklużi iżda mhux biss fil-karta tal-identità u Passaport Malti.

Għaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti reverentament titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha illi:

1) Tiddikjara lir-rikorrenti għandha l-kunjom '*Polyakova*';

2) Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ Malti (bin-numru progressivi 2139/2019), fis-sens illi dan jiġi reġistrat bil-kunjom '*Polyakova*' minflok '*Shestakova*';

3) Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi att taż-żwieġ tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni;

4) Tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrent, kif ukoll fid-dokumenti uffiċjali relattivi;

Bl-ispejjeż kollha akkollati l-konvenut, filwaqt il-intimat minn issa jibqa` inġunt għas-subizzjoni tiegħu.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern saret talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru ta' Alvetina Igorevna Shestakova, kopja ta' liema talba qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, u flimkien ma' din it-talba, id-Direttur konvenut kien fornut bl-att tat-twelid esteru relattiv, kopja tradotta ta' liema att qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DRP 2;

**4.** Illi huwa pależ li l-att tat-twelid Malti insinwat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, innumerat 4460/2019, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DRP 3, jirrifletti b'mod preċiż il-kontenut tal-att tat-twelid esteru. In effetti, reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi d-Direttur konvenut jislet l-informazzjoni mill-att esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti, u għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti tad-Direttur intimat;

**5.** Illi kien ir-rikorrent nomine nnifsu li ċċertifika illi kunjom ir-rikorrenti Alvetina Igorevna kien proprju Shestakova fil-mument illi kienet qed tintalab ir-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid esteru tagħha. Dan huwa korroborat mill-kopja tal-passaport Russu tar-rikorrenti, validu sa Settembru 2022, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 4;

**6.** Illi filwaqt li r-rikorrent nomine donnu jipprova jagħti l-impressjoni illi Alvetina Igorevna adottat il-kunjom Polyakova meta żżewġet lil Vladimir Ivanovich Polyakov fir-Russja fit-12 ta' Novembru tas-sena 2014, dan mhux il-każ;

**7.** Illi mill-att taż-żwieġ ta' Alvetina Igorevna, innumerat 2139/2019, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 5, jirriżulta illi "Vlaimir Ivanovich chose to use the surname 'Polyakov' and Alvetina Igorevna chose to use the surname 'Shestakova' aftar marriage". Dan jirrifletti *ad verbatim* il-kontenut taċ-ċertifikat taż-żwieġ Russu tar-rikorrenti, kopja ta' liema, debitament tradotta, qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 6;

**8.** Illi eventwalment, skont Dok. AIS005 anness mar-rikors promotur, intitolat *Change of Name Certificate* u datat 23 ta' Jannar 2020, ir-rikorrenti bidlet kunjomha għal Polyakova. Sussegwentement, fil-5 ta' Frar 2020, inħareġ mill-ġdid iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-attriċi, anness mar-rikors promotur u mmarkat Dok. AIS003, li jindika li l-kunjom assenjat lill-mara wara ż-żwieġ huwa Polyakova;

**9.** Illi l-attriċi tippretendi li la darba saru l-bidliet hawn fuq indikati fir-Russja, l-istess bidliet għandhom jiġu implimentati fl-atti relattivi li kienu rreġistrati f'pajjiżna;

**10.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-deed poll/change of name deed ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

**11.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ewwel tliet talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**12.** Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, id-Direttur intimat jissottometti illi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjonijiet jistgħu isiru biss fl-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna. L-artikolu 253(3) jistipola illi f'din it-talba ġudizzjarja għandhom jiġu indikati l-atti **bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom** (enfasi miżjuda). Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent nomine għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011; **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015; **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, sabiex f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-istess tibdil ikun possibbli;

**13.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**14.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni a fol. 47 tal-process b'dana li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata;

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita flimkien mar-rikors guramentat li tevidenzja illi r-rikorrenti ghalkemm originarjament maz-zwieg zammet il-kunjom Shestakova, konsegwentement ghamlet il-proceduri necessarji fir-Russja sabiex il-kunjom jigi korrett ghal dak ta' Polyakova;

Rat illi minn din id-dokumentazzjoni jirrizulta illi fil-pajjiz ta' origini fir-Russja din il-bidla llum giet awtorizzata;

Illi fic-cirkostanzi, li kieku t-talbiet ma kellhomx jigu milqugha jfisser li din l-istess persuna tkun maghrufa b'kunjom differenti f'zewg pajjizi differenti u ghalhekk tqis illi t-talba tar-rikorrenti

ghandha tigi milqugha kemm fl-interess taghha kif ukoll fl-interess pubbliku.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti għandha tkun maghrufa bil-kunjom '*Polyakova*';

2) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, issir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ (bin-numru progressivi 2139/2019), fis-sens illi minflok il-kunjom '*Shestakova*' jiġi indikat il-kunjom '*Polyakova*';

3) Tilqa' t-tielet talba u tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi att taż-żwieġ tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni;

4) Tilqa' r-raba' talba u tordna illi *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et seq.* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrent, kif ukoll fid-dokumenti uffiċjali relattivi fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja

tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru, 2021**